MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 170/2002/1

**L.E.A.F. Limited**

**Vs**

**Ian Sammut**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' tmien mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm828.53c) rapprezentanti prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut fuq struzzjonijiet tieghu.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa diga' mhallas. Il-konvenut qal li hallas lil Jean Attard li kien effettwa l-konsenja lill-eccipjent u lil Carmen Sammut.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Carmen Sammut li hija saleswoman ma' Johnsons, l-Imsida fejn tikkonferma li ilha tahdem mas-socjeta' attrici 'l fuq minn ghaxar snin.

Tghid illi darba minnhom kien gie Jean li huwa t-tifel ta' wiehed mid-diretturi tas-socjeta' attrici u mieghu kellu lavrant. Tikkonferma li kienet qaltlu biex imur ghall-hlas l-ghada. Tghid illi l-ghada kien mar Jean u hallsitu cash. Tikkonferma li dejjem kienet thallas cash.

Tghid ukoll li xhur wara kienet cemplet rapprezentanta tas-socjeta' attrici fejn talbet il-flus fuq is-*sale on credit* in kwistjoni u Sammut kienet qalet li l-ebda ammont m'hu dovut.

Carmen Sammut tghid illi sussegwentement kien gie Jean sabiex jara l-firma tieghu fuq l-ircevuta izda hu mill-ewwel qal li l-istess firma m'hijiex tieghu. Tghid ukoll illi meta kien gie Jean sabiex jara l-firma ma kienx jaf li s-socjeta' attrici fethet kawza.

Tikkonferma li xi drabi kienu jigu Jean kif ukoll Ian Azzopardi. Josephine Debattista kienet prezenti meta thallas Jean.

Tghid illi s-socjeta' attrici kienet taghmel il-konsenja qisu darba fix-xahar. Wara dan l-incident tghid li Jean kien gie b'merkanzija ohra u gie mhallas. Sammut tghid li s-socjeta' attrici qatt ma gibdet l-attenzjoni li hemm xi invoice precendenti mhix imhallsa. Tlett xhur wara dan l-incident, is-socjeta' attrici kienet baghtet Ittra sabiex jithallas l-ammont. Tikkonferma li qatt ma kitbet Ittra sabiex tikkontesta dan l-ammont izda kienet cemplet.

Ra x-xhieda ta' Josephine Debattista li tigi oht Carmen Sammut fejn tghid illi kien hemm xi zmien li kienu jircievu l-merkanzija minghand it-tifel ta' wiehed mid-diretturi tas-socjeta' attrici. Tikkonferma li huma dejjem kienu jhallsu cash. Tghid illi dejjem kienu jhallsu cash minhabba li

kellhom problema ma' huthom u kienu zammewlhom il-flus fil-banek.

Tikkonferma li meta kienu rcevew l-invoice bl-ammont pendenti, Sammut kienet cemplet lis-socjeta' attrici. Tghid illi meta Jean mar fil-hanut wara dan l-incident u Sammut infurmatu b'dan l-ammont, hu kien qalilhom biex ma jqabbdux avukati. Ma tiftakarx jekk Jean kienx gie xi drabi ohra bil-merkanzija.

Fil-kontro-ezami tghid illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici kien gie fil-hanut izda l-konsenja kienet saret Rue D'Argens. Tikkonferma li ma kienetx hemm.

Ra x-xhieda ta' Ian Sammut li huwa t-tifel ta' Carmen Sammut fejn jiehu hsieb il-konsenji. Ma jafx min kien imur jigbor il-flus ghan-nom tas-socjeta' attrici. Il-konvenut jiftakar li darba minnhom f'xi tlieta ta' wara nofsinhar ommu kienet qaltlu li s-socjeta' attrici gabet xi konsenji. Jghid ukoll illi dakinhar stess ommu kienet baghtitu sabiex igib xi haga minn Rue D'Argens.

Ra x-xhieda ta' Alexandra Sammut li tigi oht Ian Sammut fejn tikkonferma li tahdem m'ommha fil-hanut. Tghid illi dakinhar ta' l-incident ma kienetx fil-hanut. Tikkonferma li dejjem ihallsu cash.

Tghid illi dakinhar li rcevew l-invoice pendenti minghand is-socjeta' attrici, ommha cemplitilhom u kellmet lir-rapprezentant ta' l-istess socjeta' attrici.

Alexandra Sammut tghid illi l-konvenut qatt m'ordna affarijiet bid-dejn minghand is-socjeta' attrici.

Ra x-xhieda ta' Lorraine Attard li tiehu hsieb il-kontijiet u l-amministrazzjoni tas-socjeta' attrici. Tghid illi s-socjeta' attrici gieli bieghu merkanzija lill-konvenut kemm bl-invoice w anki *cash sale*. Tikkonferma li kontra kull invoice s-socjeta' attrici kienet tohrog ircevuta. Tghid ukoll illi l-*cash sales* ma jkollomhx bzonn ircevuta ghaliex huma bejgh.

Fil-kontro-ezami Attard tghid illi d-deliverymen tas-socjeta' attrici ghandhom struzzjonijiet sabiex meta jkun hemm hlas fil-pront, jiffirmaw l-invoice u johorgu rcevuta. Tikkonferma li kull deliveryman ikollu ktieb ta' l-ircevuti fuqu.

Attard tikkonferma wkoll li gieli marru Ian Azzopardi u Jean Pierre Attard ghand il-konvenut.

Tghid illi l-konsenja in kwistjoni kienet saret minn Jean Pierre Attard. Mieghu kien hemm ukoll certu Alan. Xi tlett xhur wara din il-konsenja tghid li baghtet *statements* sabiex jithallas l-ammont dovut. Tikkonferma li Carmen Sammut kienet cemplet sabiex tinforma lis-socjeta' attrici li l-ammont in kwistjoni kien imhallas.

Lorraine Attard tghid ukoll li tara l-firma ta' Jean Pierre Attard kuljum u ghalhekk tgharafha. Meta marret tara l-firma fil-hanut tal-konvenut, indunat li ma kienetx il-firma ta' huha.

Tikkonferma li s-socjeta' attrici ilha fin-negozju mal-konvenut ghal xi hmistax-il sena u qatt ma kellhom problemi mieghu.

Tghid ukoll illi l-maggoranza tad-drabi, l-konvenut kien ihallashom cash.

Ra x-xhieda ta' Jean Pierre Attard li jahdem bhala storekeeper, deliveryman u salesman mas-socjeta' attrici. Jikkonferma li l-konsenja in kwistjoni kienet konsenja ta' blinds. Mieghu kien hemm George Axisa.

Meta ghamlu l-imsemmija konsenja jghid illi Carmen Sammut iffirmatlu l-karta tas-s*ales on credit* u ma hallsitux. Jghid ukoll illi kien ghadda z-zmien u l-konvenut kien ordna aktar xoghol. Jichad li meta mar b'din il-konsenja kien talab lil Carmen Sammut il-hlas. Jichad ukoll illi kien mar l-ghada sabiex jigbor il-pagament.

Jikkonferma li l-firma fuq l-invoice in kwistjoni m'hijiex tieghu. Jghid li kien mar jiccekkja l-firma tieghu ghaliex

kienu ghaddew xi sitt xhur u ghalhekk kien impossibbli biex jiftakar.

Jikkonferma wkoll illi l-konvenut gieli hallas cash kif ukoll gieli tawh kreditu.

Ra r-Rapport tal-Perit Tekniku Joseph Gaffiero li gie mahtur bhala Espert Kaligrafu sabiex jirrelata dwar jekk il-firma ta’ Jean Pierre Attard hijiex tieghu jew le. Jikkonferma illi l-firma a fol 13 tal-process hija falza u bl-ebda mod m’ghandha x’taqsam ma’ dik ta’ Jean Pierre Attard.

Illi m’hemmx dubju li kien il-konvenut li kellu jipprova pagament u l-ahjar prova ta’ pagament hija rcevuta.

Gie ddikjarat:

“Jigi ri-affermat il-principju illi fejn konvenut jikkontraponga difiza bazata fuq hlas bi kwalsiasi mod l-oneru tal-prova tal-pagament jew kompensazzjoni hu fuq id-debitur konvenut li jallegah. Hu wkoll generalment accettat illi f’kaz ta’ dubju dan kellu jkun rizolt favur l-attur kreditur li ma kellux dan l-istess oneru. **(Vol. XXXV. P. 111. p. 604)**.”

Illi f’dan il-kaz il-konvenut esebixxa rcevuta izda l-Perit Tekniku ma kellux dubju li l-firma fuq l-ircevuta ma kienetx il-firma ta’ Jean Pierre Attard.
Illi hemm diversi sentenzi li jghidu li l-Qorti toqghod fuq Rapport ta’ natura teknika.

Illi Jean Pierre Attard jghid li l-konvenut qatt ma hallas u li l-firma fuq id-dokument esebit m’hijiex tieghu. Illi Carmen Sammut tghid li hallset. Illi ghalhekk kien importanti li l-konvenut jesebixxi rcevuta valida. L-ircevuta li giet esebita mhix iffirmata minn Jean Pierre Attard.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ tmien mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u

tlieta u hamsin centezmu (Lm828.53c) bl-imghax mid-9 t'April, 2001 u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------